# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tlieta u sittin (63) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 12 ta' Awissu, 2010, fil-5:30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Uffiċċjal Eżekuttiv |

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

**Football Nursery**

2. Daħal fil-laqgħa is-Sur Omar Schembri, il-kowċ tan-Nursery tal-Football ta' Ħal Safi. Huwa ta' rendikont tal-programmi tas-Sajf 2010 fejn qal li l-parteċipazzjoni tat-tfal fil-football kienet waħda sodisfaċenti ħafna. Is-Sur Schembri rimarka li fl-inizjattiva edukattiva 'Ibqa Attiv' li kienet issir is-Sibt filgħodu ma' tantx kien hemm attendenza kbira għalkemm il-ġenituri tat-tfal li attendew u t-tfal infushom kollha qalu li kienu sodisfatti minn dawn l-attivitajiet. Francis Callus talab lis-Sur Schembri jagħmel kwestjonarju fejn jitqassam lil-ġenituri tat-tfal li attendew u jimtela b'mod anonimu sabiex naraw liema aspetti tal-programm nistgħu intejbu s-sena li ġejja.

   Is-Sur Schembri ssuġġerixxa li jitwaħħal *banner* max-xibka tal-ground li jindika Safi Youth Nursery. Il-Kunsilliera qablu li jitwaħħal dan il-banner flimkien ma' banners oħra li jindikaw in-numru tat-telephone sabiex jinkera l-*ground*.

   Is-Sur Schembri ppreżenta lista ta' apparat neċessarju li għandu bżonn jinxtara għal l-istaġun 2010-2011. Il-Kunsilliera approvaw ix-xiri ta' dan l-apparat.

   Il-Kunsilliera flimkien mas-Sur Schembri ddiskutew il-possibilità li tiġi estiża l-età tat-tfal li jkunu jistgħu jibqgħu jilgħabu ma' Safi Youth Nursery. Ġie deċiż li din il-possibilita tiġi esplorata l-quddiem f'laqgħa apposta.

**Diskussjoni dwar il-Festa bejn il-Kunsill Lokali, il-Membri tal-Kumitat Banda San Pawl u l-Ispettur Carlos Cordina (assenti).**

3. Il-Kunsilliera flimkien mal-Membri tal-Kumitat iddiskutew diversi punti rigward it-traffiku tat-toroq waqt żmien il-festa kif wkoll ħwejjeġ oħra. Il-punti prinċipali huma:
   - Triq il-Kuċċard ser tingħalaq għat-traffiku mis-Sibt 28 ta' Awissu fis-sitta ta' filgħaxija sal-Ħadd 29 ta' Awissu filgħodu wara li jiżżarma n-nar. Ser jitpoġġew *barriers* tal-pulizija tul it-triq kollha sabiex tingħalaq iż-żona minn fejn jinħaraq in-nar.

   - Il-Pjazza ta' Ħal Safi ser tkun magħluqa bil-bollards minn Misraħ San Ġużepp u Triq iż-Żurrieq kantuniera ma' Triq l-Iskola u Triq San Pawl kantuniera ma' Triq il-Puniċi minn nhar il-Ħamis 19 ta' Awissu sat-Tnejn 30 ta' Awissu.

   - F'Triq San Pawl kantuniera ma' Triq San Ġwann ser jitpoġġa *barrier* tal-plastik mimli bl-ilma b'sinjal li jgħid '*Access to Safi Centre Closed*'. Ser jitwaħħlu sinjali ma' l-istaġes tal-parti l-magħluqa li mhux ser jintużaw minn nhar il-Ħamis 19 ta' Awissu sat-Tnejn 30 ta' Awissu.

   - Triq iż-Żurrieq kantuniera ma' Dun Karm Lija ser tingħalaq minn nhar il-Ħamis 26 ta' Awissu sal-Ħadd 29 ta' Awissu filgħaxija biss.

   - Ser jitpoġġew *skips on wheels* fi Triq Salvu Cauchi kantuniera ma Triq il-Kuċċard, tnejn fi Triq il-Menqa fejn il-gabbani tal-festa u oħra wara l-pjazza minn nhar it-Tlieta 26 ta' Awissu sal-Ħadd 29 ta' Awissu.

   - Ġie deċiż li hemm bżonn nitolbu 35 *barrier* lill-Ispettur tal-Pulizija sabiex jingħalqu t-toroq.

   - Il-Kunsill qabel unanimament li jitħallas l-ammont ta' €465 lil Każin ta' San Pawl bħala ħlas ta' servizz provduti għal-Komunita f'isem il-Kunsill waqt żmien il-festa ta' Ħal Safi.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mil-Minuti**

5. Eddie Bonello reġa rrimarka li qed jkun hawn ħafna ħmieġ tal-klieb fit-toroq. Huwa qal li għalkemm dawn it-toroq jiġu miknusa kuljum mill-kennies xorta waħda qed jkun hemm ħmieġ li jibqa hemm minn ġurnata għal oħra. Is-Sindku qal li ser jkellem lil kenniesa.

6. Rigward il-pjanċa li ser titwaħħal quddiem il-ħanut fi Triq Santa Marija, Dorianne Zammit qalet li intalbu żewġ kwotazzjonijiet pero dawn għadhom ma waslux lil Kunsill.

7. Is-SE ikkonferma li bagħat ir-rapport finanzjarju tas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2009 lil awdituri kif wkoll lil uffiċju tal-Awditur Ġenerali. Is-SE ikkonferma wkoll li intbagħtet l-ittra lid-Direttur Ġenerali fejn tispjega ċ-ċirkostanzi tal-Kunsill sabiex nitolbu estensjoni ta' xahar fuq iż-żmien impost biex jintbagħat ir-rapport finanzjarju iffirmat.

8. Il-Kunsilliera qablu unanimament li ninnominaw lil Sur Salvino Żammit bħala l-Anzjan tas-Sena. Publius Abdilla ser jikkonferma li s-Sur Żammit għalaq il-ħamsa u sittin sena sabiex jkun eliġibbli għal din in-nomina.

9. Is-Sindku ikkonferma li iċ-ċint f'Triq Dun Karm Lija ġie irranġat.

**Korrispondenza**

10. Il-Kunsill irċieva ittra mil-GRTU fejn talbu laqgħa mal-Kunsill rigward il-*one way* fi Triq San Pawl. Il-GRTU talbu laqgħa sabiex jiddiskutu fid-dettall id-deċiżjoni li din issir waħda permanenti u l-impatt li jista jkollha fuq il-komunita' kummerċjali. Il-Kunsilliera qablu li s-Sindku jiltaqa mal-GRTU sabiex jisma dak li għandhom jgħidu mingħajr ma jikkometti ruħu b'deċiżjonijiet.

11. Il-Kunsill irċieva e-mail b'ilment rigward it-*traffic island* li hemm fi Triq iż-Żurrieq quddiem il-pompa tal-petrol. Din il-problema ġiet diskussa diversi drabi fil-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li niġbdu l-attenzjoni tal-wardens u l-pulizija sabiex jagħmlu iżjed sorveljanza f'din iż-żona.

12. Il-Kunsill irċieva diversi e-mails rigward l-qtuħ tal-provvista tad-dawl. Il-Kunsilliera qablu li l-qtugħ tad-dawl u l-konsegwenzi li ġarbu diversi residenti mhix responsabbilta' diretta tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera qablu li l-ilmenti għandhom jiġu indirizzati lil Enemalta u l-Kunsill fejn jista jgħin f'dan il-proċess billi jipprovdi d-dettalji ta' kif jagħmlu l-ilment tagħhom ma' l-Enemalta.

**Affarijiet oħra**

13. Is-Sindku, fuq talba tar-residenti rikomanda li t-tabelli fi Triq l-Iskola kantuniera ma' Triq in-Nassaba u dik ta' Triq is-Summien kantuniera ma' Triq il-Kuċċard b'sinjal 'Safi Centre' li qegħdin imwaħħla mal-faċċata tad-djar jiġu irranġati. Eddie Bonello isuġġerixxa u l-kunsilliera qablu li dik f'Triq il-Kuċċard titwaħħal faċċata mal-ħajt tas-sejjieħ. Il-Kunsilliera qablu wkoll li dik fi Triq l-Iskola kantuniera ma Triq in-Nassaba titneħħa.

14. Jerome Busuttil rimarka li fi Triq il-Biedja hemm bżonn isiru kaxxi sofor quddiem il-garaxxijiet.

15. Eddie Bonello rimarka li f'Triq Bieb il-Ġarra hemm bżonn issir forma ta' traffic police sabiex jitrażżan it-traffiku li jibqa' għaddej b'veloċita eċċessiva.

16. Publius Abdilla u Eddie Bonello rimarkaw li hemm bżonn niktbu lil Transport Malta li f'Triq San Ġwann hemm tabella li tgħid 'Triq il-Karwija Closed'. Din hija żgħira wisq u hemm bżonn issir ikbar. Hemm tabella oħra quddiem l-istage ta' quddiem il-Qnieċel li tindika Valletta Road għanda titgħatta temporanjament sakemm tinfetaħ Triq il-Karwija.

17. Il-Kunsilliera qablu li wara l-laqgħa jmorru Misraħ San Ġużepp sabiex jaraw fejn ser teħel il-ġebla kommemorattiva tal-ftuħ ta' Misraħ San Ġużepp minn l-Hon Chris Said.

18. **Il-Payment Approval** Sheet No. 55 ġiet approvata.

19. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 2 ta' Settembru, 2010.

20. Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm.

Approvati llum 02/09/2010

Sindku Segretarju Eżekuttiv